Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
# Numru 195 :: AWWISSU 2012

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦAT TAL-MEMBRI TA' KULL XAHAR

Minħabba li kellna nbiddlu d-data tal-laqgħa li jmiss mill-5 t'Awwissu għas-27 ta' Lulju, id-data tal-laqgħa li tmiss wara din niddiskutha f'din il-laqgħa.

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena se jinżamm il-**Ħadd, 23 ta' Settembru**, fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm. Għalhekk żommu din id-data fil-kalendarju tagħkom u ppruvaw li tħeġġu lill-familja u lil ħbiebkom biex jattendu wkoll.

## APPREZZAMENT GĦAX-XOGĦOL TA' JOE AXIAQ

F'isem il-kumitat u l-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria nixtieq nuri l-apprezzament tagħna għax-xogħol sabiħ fil-kitba tiegħu ta' artikli fuq il-Fundatur tal-Għaqda tagħna, Dr Ġuże` Abela. Aktar 'il quddiem nagħtukom tagħrif kif tkunu tistgħu taqraw dawn l-artikli u tapprezzaw intom ukoll dan ix-xogħol.

## L-EWWEL DIZZJUNARJU MALTI "ONLINE"

L-ewwel dizzjunarju Malti "online" hu mistenni li jkun lest għall-użu fi żmien sentejn wara ftehim li ġie ffirmat bejn il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Universita` ftit ġimgħat ilu. Il-proġett ikun "monument ħaj" għal-lingwa Maltija, qalet il-Ministru tal-Edukazzjoni, Dolores Cristina. Il-bażi tad-dizzjunarju "online" tkun il-volumi ikoniċi u ferm populari tal-Professur Ġuże` Aquilina. Il-Ministeru qed jikkontribwixxi €80,000 għal dan il-proġett. Hu mistenni li jkun komplut dalwaqt, b'introduzzjoni mill-Kap tal-Univesita` ta' Malta, il-Professur Manwel Mifsud.

## KOTBA ĠODDA MINN MALTA

**NISMAGĦHEM JGĦIDU** *(Paul P. Borg)* ĠIEGĦ L-ARTIĠJANAT MALTI 2011. **Nismagħhem Jgħidu** it-tieni volum, 592 paġna, bil-kulur; maħdum fil-Union Print u l-Gutenberg Press. F'din il-pubblikazzjoni riċenti ta' Paul P. Borg insibu ġabra ta' stejjer u ħrejjef, snajja' u xogħlijiet, xnigħat u drawwiet, qwiel u għajdut, tifkiriet u fehmiet, leġġendi u ġrajjiet mill-ħajja Maltija tal-imgħoddi… Dan il-ktieb fih tagħrif li jeħodna fl-imgħoddi biex inkunu nafu sewwa fejn ninsabu llum u fuq kollox fejn irridu naslu. Il-ktieb hu dokument ta' ġrajja soċjali mimli tagħrif li juri l-Maltin min huma u xi jgħidu. It-tagħrif inġabar qabel jintilef darba għal dejjem ma' kull xiħ u ma' kull xiħa li jmutu. Borg ma jinteressahx biss li jiddokumenta teknoloġija użata fl-imgħoddi, imma wkoll dak kollu marbut mal-ħajja tal-ħaddiem: twemmin, beżgħat, ferħat, problemi soċjali u l-bqija. B'din is-sensiela, Paul P. Borg ikompli bil-ħidma etnografika tiegħu fil-kuntest Malti li kien beda biż-żewġ volumi ta' **Snajja' u Xogħol il-Maltin** u b'kitbiet oħrajn. Għal dan ix-xogħol l-awtur ngħata l-Ewwel Premju *Ġiegħ l-Artġjanat Malti 2011* mill-Ministeru tal-Kummerċ. Dan il-ktieb hu mżewwaq bil-persunaġġi li Borg jitkellem magħhom waqt ir-riċerka tiegħu fosthom poeti, bdiewa, edukaturi, landiera, mastrudaxxi, bennejja tal-karettuni, tal-kalkara tal-ġir, tal-pasturi u ħafna oħrajn. Borg jagħti tagħrif uniku dwar il-ġbir taż-żebbuġ, trabi li jmutu, il-karnival, il-mejda tal-Appostli u ħafna aktar. Fost il-karattri nsibu nies bħal Ċikku Fenech ta' Vanġiela, Spiru Sant, Richard Sultana il-Farfett, Martin ir-Raggae, Karmnu Lateo l-Internat fl-Uganda, Carmel Attard, Ġorġ Zammit u ħafna oħrajn. Il-ktieb fih ukoll indiċi ta' kelmiet qodma li l-awtur laħaq ġabar qabel ma l-użu tagħhom jinqata' għalkollox jew wasal biex. Dan l-indiċi jinkludi wkoll tifsiriet fil-kuntest ta' kelmiet tekniċi ta' snajja' qodma u kelmiet jew frażijiet li jixhdu l-ħila mgħoddija tal-Maltin li joħolqu espressjonijiet jew kelmiet ġodda. Din hi ġabra ta' qari mimli interess u tagħrif għal kulħadd, l-aktar għaż-żgħażagħ u studenti biex jitgħallmu fuq l-ambjent u l-kultura Maltija, kif ukoll fuq ġrajjiet, għajdut, artiġjanat u ħidmiet li issa nqatgħu mill-ħajja tagħna darba għal dejjem. Tagħrif fuq dak li għadda, juri fejn ninsabu. Tagħrif fuq nies tal-bieraħ, juri min aħna. Dan hu kollu dawl għall-ġejjieni.

**JOSEPH VELLA BONDIN DRAMMATURGU** *b'awtobijografija konċiża ta' Charles Briffa.*
Il-ħidma ta' dan il-ktieb investigattiv hija li tgħolli l-preġju tal-kultura lokali u l-prestiġju tat-talent Malti. Għaldaqstant bis-suġġett ta' dan il-ktieb (Joseph Vella Bondin) naraw il-kontinwità bejn il-kultura (li takkumula maż-żmien u mal-ambjent) u l-ħajja (li trid teżisti fis-soċjetà), u f'din il-kontinwità l-kultura ssir esperjenza attiva għax it-tagħrif jinbidel f'att ta' ħsieb. U fis-suġġett imgeżwer fit-teorija nilmħu parti mill-ispirtu Ewropew. Dan il-ktieb jipprova jinterpreta x-xogħol ta' Vella Bondin biex dan id-drammaturgu jidħol f'postu fil-Letteratura Maltija. L-għan ta' dan il-ktieb, li jieħu d-dramm primarjament bħala xogħol ta' arti, huwa li juri li d-drama taf tkun, fis-skiet tagħha bħala letteratura, organiżmu kumpless barra mill-qoxra ħafifa tal-immedjatezza. Il-kritika letterarja f'dan il-każ hija ħidma esploratorja li timxi minn wara l-kwinti għal fuq il-palk u għall-platea tal-medda sħiħa tal-kreattività. Il-valuri stilistiċi f'kull livell isiru kontribuzzjonijiet għall-mod kif xogħol letterarju jista' jiġi interpretat u jgħinu wkoll fit-transazzjoni bejn l-awtur u l-qarrej. Bħala awtur, id-drammaturgu narawh bħala gwida (bil-lingwa tal-istruzzjonijiet teatrali), preżentatur (bl-istruttura tal-ġrajja li jinseġ għall-karattri tiegħu), u interpretu

***(Ikompli fit-tieni faċċata)***

(bil-kondizzjonijiet tax-xerqa, jew nuqqas ta' xerqa, li nsibu fid-djalogar). Naturalment, il-preżenza tad-drammaturgu mhijiex diretta. Ħafna drabi toħrog mill-inferenzi u l-implikaturi li aħna l qarrejja inevitabbilment nisiltu mill-mod kif id-drammi jkunu preżentati. **Joseph Vella Bondin Drammaturgu** jieħu d-direzzjoni tiegħu mill-istilistika (li tapplika kunċetti u metodi tal lingwistika għall-istudju tal-letteratura) għax jemmen li jekk wieħed jifli l-lingwa f'test letterarju jasal biex jifhmu aktar u japprezza l-kisbiet artistiċi tal-awtur. Il-qarrej ta' dan il ktieb mistenni li javviċina s suġġett tal-istil b'kurżità ta' apprezzament, għax prinċipju ewlieni tal-ktieb huwa li biex tifhem l-istil jeħtieġ tifhem il-lingwa mħaddma minn dak l-istil. L-iċken dettall fil-lingwa jaf ikollu mistur il-qofol tax-xogħol. U għalhekk meta nispjegaw kif ikun inkiseb xi effett/tifsir inkunu mhux biss fhimna l-kisba (li fiha nnifisha hija essenzjali għall-interpretazzjoni) imma nkunu ksibna wkoll apprezzament aħjar tal-awtur u l-kreattività tiegħu.

*L-Esportazzjoni tal-Awtur Malti:* **THE ESSENTIAL OLIVER FRIGGIERI — National Author of Malta**
Charles Briffa (Malta University Publishing, 2012, iffinanzjat parzjalment mill-UHM)
Dan il-ktieb jinkludi xi xogħlijiet (ta' proża u poeżija) ta' Oliver Friggieri tradotti għall-Ingliż u jimplika li l-għażla tirrappreżenta xi wħud mis-sentimenti u l-ħsibijiet, flimkien mal-istil mentali, ta' Friggieri. Oliver Friggieri huwa professur tal-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta, u huwa l-kritiku letterarju ewlieni tal-mument. Ippubblika ħafna xogħlijiet u l-kreattività tiegħu tipprova tinterpreta s-sentimenti u l-attitudni ta' poplu ħaj f'nofs il-Mediterran. L-għan tal-ktieb huwa li jagħti tidwiqa tal-kultura sors billi jipproġetta dehra kompatta u koerenti tal-awtur Malti bħala kittieb nazzjonali kontemporanju u relevanti. Fi kliem ieħor, il-ktieb jippreżenta xi xogħlijiet li huma karatteristiċi ta' Friggieri, imma fl-istess waqt l-għażla (mingħajr ebda ordni partikulari għax-xogħlijiet magħżula) tipprova turi lill-qarrej barrani l-produzzjoni letterarja ta' Friggieri f'ambjent modern. Permezz tal-letteratura Friggieri jassumi l-parti tal-kuxjenza tan-nazzjon. Jiddefendi l-elementi pożittivi tradizzjonali ta' Malta fix-xogħlijiet poetiċi twal tiegħu, imma jesponi l-kwalitajiet negattivi tal-preżent fin-narrattiva tiegħu. Il-letteratura tiegħu mhijiex arma tal-ġlied imma sejħa għall-ġustizzja u l-onestà. Hija kitba sempliċi biżżejjed biex iżżomm l-attenzjoni tal-qarrejja komuni u hija kitba li tintrigahom biżżejjed biex tinvolvilhom il-ħsieb. It-tradutturi li kkontribwew għal din il-ġabra ta' xogħlijiet huma: ir-Rev. Prof. Peter Serracino Inglott (1936-2012), l-Onor. Imħallef Lawrence Quintano, is-Sur Godfrey Grima, il-Prof. Charles Briffa, Spencer Levy, u Friggieri nnifsu. Il-kritika letterarja li takkumpanja x-xogħlijiet hija kollha ta' Briffa.

***Nota fuq l-awtur: Charles Briffa huwa Professur tal-Letteratura Maltija u tal-Istudji tat-Traduzzjoni fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. Kittieb prolifiku u traduttur ta' bosta xogħlijiet. Is-suġġetti tiegħu huma l-kritika letterarja, l-istilistika, it-traduzzjoni, u l-lingwa. Jieħu sehem ukoll f'bosta programmi fuq ix-xandir (kemm radju u kemm televixin).***

# IMUT IL-KITTIEB J. J. CAMILLERI

Fil-5 ta' Lulju, tħabbret il-mewt tal-awtur Malti Joseph John Camilleri fl-eta` ta' 84 sena. Huwa twieled il-Mosta u wara l-Primarja kompla jistudja l-Liċeo. Iggradwa mill-Kulleġġ tat-Taħriġ tal-Għalliema u fl-1964 ħa l-B.A. mill-Università ta' Malta u għamel studji fuq l-edukazzjoni fl-Istitut tal-Edukazzjoni ta' Londra fejn ħa l-*Associateship of the Institute of Education.* Ħa l-grad ta' M.A. bir-riċerka fuq l-edukazzjoni lokali fis-seklu dsatax bit-teżi *Can. P. Pullicino, His Life and Place in the History of Local Educational Development* (1968). Bħala professjoni kien għalliem u lekċerer fl-Università u kellu bosta karigi fosthom ta' kap ta' skola u *Chairman* tal-Bord Konsultattiv tal-Edukazzjoni. Huwa kien eżaminatur u membru ta' bosta kumitati u kunsilli fosthom tal-Awtorità tax-Xandir. Xandar għadd ta' programmi mir-radju fosthom *Mill-Arkivji ta' Santu Spirtu, Il-Konsumatur, L-Edukazzjoni ta' Wliedna.* J. J. Camilleri kien imsieħeb fil-Moviment Qawmien Letterarju kif ukoll fl-Akkademja tal-Malti. Ko-awtur fl-antoloġiji poetiċi *Kwartett* (1965) u *Antenni* (1968). Kiteb ħdax-il rumanz, fosthom *Aħna Sinjuri* (1965, 1991), *L-Għar tax-Xitan* (1973, 1982), *Is-Sejħa ta' l-Art* (1974), *Ulied il-Qawsalla* (1992), *Luteru* (1998), *Illum f'Daqqa Waħda* (2002), *Ħabbejtkom it-Tnejn* (2003), *Riħ ta' Siegħa* (2006), *Kriżi ta' Mħabba* u huwa awtur ta' għadd kbir ta' xogħlijiet li jifirxu fuq għadd ta' suġġetti: riċerka dwar l-istorja, il-folklor, l-ambjent lokali, drammi, poeżiji u novelli.

## FUQ XATT IL-BAĦAR

Matul ix-xatt
mxejt fi nżul ix-xemx
imsieħeb biss mill-ħsieb
li f'ħarsti aktar m'hemmx

il-qtar tad-deheb
li saħħru par għajnejn
sa tħalltu ma' dmugħ sħun
u reġgħu ġew fix-xejn ...

F'dirgħajn dal-baħħ
kultant jinbixni s-skiet
jitliegħeb ma' subgħajn
saqajja fuq l-irmied.

L-irmied ta' żmien
jittajjar fuq ġwenħajn
lil hinn mar-riħ ħelsien,
ta' sajf kull daqqa t'għajn

Lil hinn bla xkiel
nitbewwes ma' ħolqien:
bin-ngħas fi tmiem il-jum,
mas-sbiħ mill-ġdid li kien.

Imm'issa l-lejl
itul bla qies għajjien,
kull xewqa bla tqanqil
u l-ħolm mingħajr ilwien.

Jitwal id-dell
li miegħi fuq ix-xatt
iterraq mingħajr tmun,
mixtieq minn kull imbatt!

**Cemente Żammit**
**Melbourne**
**18 ta' Mejju, 2011**

## AĦBAR TA' MEWT

B'sogħba kbira nħabbru l-mewt ta' Doris Rizzo, li tiġi omm Marie Louise Anastasi, il-Viċi President tal-Grupp Letteratura Maltija, li ġrat nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Lulju, fl-eta` ta' 88 sena. Il-Funeral tagħha sar nhar il-Ħamis, 19 ta' Lulju fil-Knisja tas-Sacred Heart, St. Albans. Nirringrazzjaw lil dawk il-membri li attendew. Doris Rizzo dejjem kienet tattendi l-avvenimenti tal-Grupp tagħna. Il-Kumitat u l-membri tal-GLM joffru l-kondoljanzi tagħhom lil Marie Louise u l-familja kollha.
Agħtiha, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.


BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**